**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar, 2001-**

**Numru**

**Att ta' Akkuza Nru. 21/97**

**Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Meinrad Calleja**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza preliminari ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tat-2 ta' Ottubru, 2000, f'din il-kawza, liema sentenza taqra kif gej:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-Att ta' Akkuza nru. 21/97;
>
> Rat is-sentenza preliminari taghha tat-30 ta' April, 1998 li permezz taghha ddisponiet mill-eccezzjonijiet preliminari u eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita` ta' provi;
>
> Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-3 ta' Mejju, 2000;
>
> Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-31 ta' Lulju, 2000, f'liema udjenza l-akkuzat, permezz tad-difensur tieghu l-Avukat Dott. Emmanuel Mallia, eccepixxa "l-eccezzjoni kontra l-Imhallef a tenur tal-Art. 446(1), liema eccezzjoni jekk fuori termine hija bbazata fuq raguni illi nqalghet wara l-istadju tal-qari tal-Att ta' Akkuza u/jew iz-zmien li fih in-nota imsemmija fl-Art. 438(2) kellha tigi ppresentata fir-registru tal-Qorti"; il-verbal ikompli hekk: "Ir-raguni ghal din l-eccezzjoni kontra l-Imhallef hija illi l-Onor. Imhallef Dott. Vincent De Gaetano ippresjeda il-guri fil-kaz Ir-Repubblika ta' Malta v. Ian Farrugia f'liema kawza l-istess Imhallef sedenti ha wkoll decizjonijiet fil-kors ta' l-istess guri, kif ukoll

ghamel diversi domandi lix-xhieda f'dak il-kaz mismugh u wkoll ingunti biex jixhdu fil-kaz odjern, u peress li l-gustizzja mhux biss trid issir imma tkun qed tidher li qed issir, jitlob bir-rispett li din l-eccezzjoni tigi akkolta";

Semghet lid-difensuri tal-partijiet – Dott. Emmanuel Mallia ghall-akkuzat u d-Deputat Avukat Generali Dott. Silvio Camilleri ghall-prosekuzzjoni – dwar din l-eccezzjoni; rat ukoll in-noti tal-akkuzat u tal-prosekuzzjoni tal-31 ta' Awissu, 2000 u 25 ta' Settembru, 2000 rispettivament; ikkunsidrat:

Fl-udjenza aktar 'l fuq imsemmija, cioe` tal-31 ta' Lulju, 2000, l-akkuzat ta l-eccezzjoni tar-rikuza tal-Imhallef sedenti ghar-raguni riprodotta hawn aktar 'l fuq. Mill-mod kif din l-eccezzjoni gie presentata, jidher li l-akkuzat hu incert jekk tali eccezzjoni ghandhiex titqies bhala eccezzjoni preliminari taht l-Artikolu 449(1) jew bhala eccezzjoni taht l-Artikolu 446(1) (dejjem tal-Kodici Kriminali). Il-Qorti, pero`, ma tarax li ghandha ghalfejn tiddeciedi dwar dan il-punt, u dan peress li fi kwalunkwe kaz ir-raguni ghal dina l-eccezzjoni – il-fatt li l-Imhallef sedenti ippresjeda il-guri fil-kaz ta' Ian Farrugia – avverat ruhha kemm wara z-zmien ghall-presentata tan-nota skond l-Artikolu 438(2) kif ukoll wara l-qari tal-Att ta' Akkuza (l-Att ta' Akkuza f'dan il-kaz ghandu jitqies li inqara fit-22 ta' Ottubru, 1997 – ara l-verbal ta' dik l-udjenza, fol. 56 tal-atti akkuza) u ghalhekk wara z-zmien indikat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 446. Mill-banda l-ohra, meta r-raguni ghal eccezzjoni, specjalment l-eccezzjoni ta' rikuza tal-gudikant, tinqala' wara z-zmien li fiha dik l-eccezzjoni normalment kellha tinghata, dik l-eccezzjoni ghandha tinghata fl-ewwel okkazzjoni li fiha l-akkuzat jidher quddiem il-Qorti. F'dan il-kaz dan ma sarx. In fatti jekk wiehed jara l-verbali tal-udjenzi tas-26 ta' Mejju, 2000, 2 ta' Gunju, 2000, 4 ta' Lulju, 2000 u 28 ta' Lulju, 2000 isib li l-akkuzat dejjem deher f'dawn id-dati (f'zewg okkazzjonijiet minnhom – 26/5/2000 u 2/6/2000 – assistit mid-difensur tieghu), u f'ebda stadju f'dawn l-udjenzi din l-eccezzjoni ma giet ventilata jew imqar inghata xi hjiel taghha b'xi nota bil-miktub. Ghal din ir-raguni biss, ghalhekk, din l-eccezzjoni timmerita li tigi respinta.

Din il-Qorti, pero`, xorta wahda ser tidhol fil-meritu tal-eccezzjoni sollevata, u dana biex tara wkoll jekk hemmx xi raguni jew ragunijiet ghala l-Imhallef sedenti ghandu jastjeni milli jkompli jisma' din il-kawza.

Permezz tan-nota tieghu tal-31 ta' Awissu, 2000 l-akkuzat indika is-subparagrafi (i) u (ii) tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 734 tal-Kap. 12. Is-subparagrafu (i) jitkellem dwar meta l-gudikant "…ikun ta l-parir tieghu, itratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha". Kjarament hawnhekk il-legislatur qed jirreferi primarjament ghal meta l-gudikant, mhux fil-vesti tieghu ta' gudikant izda bhala avukat tal-parti jew f'xi vesti ohra (pero` mhux ta' gudikant), ikun qal jew kiteb xi haga li tindika li hu jkun diga fforma opinjoni dwar (f'dan il-kaz) il-htija o meno tal-akkuzat. Fil-kuntest penali, il-kliem "kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha" necessarjament ifissru kull haga li, direttament jew indirettament, timplika tali htija o meno. Issa, apparti li fil-kaz ta' Ian Farrugia, deciz fit-13/7/1999, l-Imhallef sottoiffirmat agixxa fil-vesti tieghu ta' gudikant f'dik il-kawza, u ghalhekk qatt ma ta parir, itratta jew kiteb fis-sens proprju tas-subparagrafu in

kwistjoni, hu f'ebda stadju ma jaf li esprima xi opinjoni la dwar il-htija o meno tal-akkuzat odjern (Meinrad Calleja) u anqas dwar xi haga li direttament jew indirettament timplika tali htija. L-akkuzat odjern ma indika ebda okkazzjoni fejn l-Imhallef sedenti b'xi mod esprima ruhhu f'dan is-sens. Is-semplici fatt li l-Imhallef sedenti fil-guri ta' Ian Farrugia ghamel domandi lix-xhieda u "ha decizjonijiet" ma jfissirx li jkun b'xi mod esprima ruhhu dwar il-htija o meno tal-akkuzat odjern; Imhallef li jkun qed jippresjedi guri m'ghandux ir-rwol ta' sfinge, izda hu mistenni, skond il-kaz, li jaghmel mistoqsijiet u jiehu decizjonijiet biex jigi attwat dak li jinghad fil-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 436 tal-Kap. 9. Kif diga gie osservat, pero`, dan ma jfissirx li b'daqshekk l-Imhallef sedenti ippronunzja ruhhu, direttament jew indirettament, dwar il-htija tal-akkuzat odjern. F'dan il-kuntest ukoll din il-Qorti tosserva li l-kawza fil-kaz ta' Ian Farrugia mhix l-"istess kawza" odjerna. Ghalkemm xi fatti huma l-istess – l-allegat attentat ta' qtil ta' Richard Cachia Caruana – il-fatt kriminuz li qed jigi addebitat lill-akkuzat odjern jikkonsisti fl-allegata komplicita` tieghu, fis-sens li allegatament kien il-mandant; dana l-fatt, pero`, cioe` l-allegata komplicita` tieghu, qatt ma kien "in issue" fil-kaz ta' Ian Farrugia, ghalkemm issemma, u aktar importanti minn hekk, l-Imhallef sedenti <u>ma ppronunzjax ruhhu, direttament jew indirettament, dwar dana l-fatt</u> (ara, ghall-kuntrarju, dak li gara fil-kaz *Il-Maesta` Tieghu ir-Re v. Carmelo Borg Pisani* u l-konsegwenti rikuza u astensjoni tat-tlett Imhallfin li, minghajr gurija, iddecidew il-meritu ta' dak il-kaz, fil-kawza sussegwenti *Il-Maesta` Tieghu ir-Re v. Carmelo Ivo Leone Ganado et.*, Qorti Kriminali, 10 ta' Lulju, 1946.)

Is-subparagrafu (ii) tal-Artikolu 734(1)(d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jghid testwalment hekk: "jekk il-kawza kienet ga giet quddiemu bhala imhallef jew bhala arbitru: Izda dan ma jghoddx ghal decizjoni, moghtija mill-imhallef, meta ma tkunx qatghet definittivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u anqas ghal sentenza li tehles *ab observantia*". Hawnhekk ukoll, u fuq l-iskorta tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru, 1949 fil-kawza fl-ismijiet *Il-Maesta` Tieghu ir-Re v. Karmenu Cuschieri*, l-Imhallef sedenti ma ppronunzjax ruhhu dwar l-akkuza li qed tingieb fil-kawza odjerna kontra Meinrad Calleja, u allura anqas ma ppronunzja ruhhu dwar xi htija o meno tieghu. Is-semplici fatt li quddiem l-Imhallef sedenti ingiebu, fil-kaz ta' Ian Farrugia, certi fatti li kollox jindika li ser jergghu jingiebu fil-kaz odjern, ma jfissirx b'daqshekk li l-Imhallef esprima xi opinjoni dwar il-htija tal-akkuzat odjern, u anqas ma jfisser li diga fforma xi opinjoni dwar il-htija tieghu. Jizdied jinghad, kif tajjeb osserva d-Deputat Avukat Generali fin-nota responsiva tieghu tal-25 ta' Settembru, 2000, li bhala regola l-Imhallef li jippresjedi l-guri ikun diga ha konjizzjoni tal-fatti propju ghax ikun qara l-attijiet tal-kumpilazzjoni, haga li hafna drabi hi desiderabbli li ssir biex l-Imhallef ikun jista' jaqdi l-kompitu tieghu fil-kors tal-guri korrettement u b'mod efficjenti. L-istess jista' jinghad fil-kaz fejn ikollok diversi nies akkuzati b'partecipazzjoni fl-istess reat u dawn jigu akkuzati mill-Avukat Generali f'Atti ta' Akkuza separati. Il-fatt li Imhallef ikun ippresjeda fil-guri ta' wiehed ma jfissirx necessarjament li jkun prekluz milli jippresjedi fil-guri jew gurijiet ta' l-ohrajn; ikun hekk prekluz jekk ikun b'xi mod esprima ruhhu dwar il-htija o meno ta' wiehed jew aktar minn dawk l-ohrajn.

Anqas ma jidher li hemm xi ragunjiet ta' "konvenjenza" ghala l-Imhallef sedenti ghandu jastjeni milli jkompli jisma' l-kaz odjern. Bil-kelma "konvenjenza" wiehed ma jridx ifisser il-konvenjenza personali tal-Imhallef; kieku kien hekk, l-aktar haga facli ghall-Imhallef sedenti kienet tkun li jastjeni jew jilqa' t-talba ghar-rikuza tieghu, u l-kaz jghaddi f'idejn Imhallef iehor u jitghabba haddiehor bir-responsabbilta` tal-guri. Kieku Imhallef kellu jaghmel hekk ikun qed imur kontra l-gurament tal-kariga tieghu. Bil-kelma "konvenjenza" wiehed jifhem ragunijiet, oggettivament riskontrabbli, li ma jissemmewx espressament fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12, izda li huma guridikament relevanti u li jistghu jwasslu ghar-rikuza jew astensjoni ta' Imhallef ghax oggettivament ikun hemm suspett fondat dwar l-imparzjalita` ta' dak il-gudikant. Hekk, per ezempju, il-paragrafu (h) tal-Artikolu 36 tal-Kodici ta' Procedura Penali gdid taljan jitkellem dwar l-astensjoni ta' l-Imhallef "per altre gravi ragioni di convenienza". Il-gurista taljan Franco Cordero hekk jikkummenta dwar din l-espressjoni:

"Formula aperta, applicabile ogniqualvolta il giudice risulti meno neutrale del desiderabile, cominciando dalle idiosincrasie ideologiche; supponiamo reazionario enrage`, dedito a pose da crociato, o impetuosamente "libertino": sarebbe arrischiato affidargli processi a sfondo politico. Solidarieta` confraterne e fobie sminuiscono i carismi ministeriali: nessuno e` interamente impassibile, ma almeno non esibisca passioni tali da inclinarlo pro amico vel contra inimicum; ne` appare tollerabile l'ossequio a persone o simboli d'una potenza interessata al caso" (Cordero, F., *Codice di Procedura Penale Commentato*, UTET (Torino), 1992, p. 46).

S'intendi, fil-kaz in dizamina l-akkuzat ma hu qed jallega assolutament xejn minn dan.

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma tara li hemm ebda raguni, oggettivament riskontrabbli, ghala l-Imhallef sedenti ghandu jilqa' l-eccezzjoni ta' rikuza, jew ghandu jastjeni milli jkompli jisma' l-kaz. Konsegwentement il-Qorti tirrespingi l-eccezzjoni ta' rikuza sollevata mill-akkuzat, u tordna l-prosegwiment tal-kawza".

Mill-istess decizjoni appella l-akkuzat Meinrad Calleja permezz ta' rikors ta' l-appell ipprezentat fil-5 ta' Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni minnu appellata billi tilqa' l-eccezzjoni tar-rikuza sollevata minnu u tordna wkoll li l-kawza fl-ismijiet premessi tinstema' minn Imhallef iehor fl-Onorabbli Qorti Kriminali.

Din il-Qorti kemm minhabba kif inhu koncepit u redatt ir-rikors ta' l-appell, kif ukoll minhabba r-ragunamenti taghha li se tizvolgi aktar 'il quddiem u l-konkluzzjonijiet li ser tirraggungi, jidhrilha li hu opportun illi jigu riprodotti pratikament fl-intier taghhom l-aggravji ta' l-appell fl-istess ordni li huma prezentati fir-rikors ta' l-appell. *

Fl-ewwel lok l-appellant jissottometti li l-ewwel Onorabbli Qorti, filwaqt li rrikonoxxiet il-fatt illi r-raguni ghall-eccezzjoni tieghu ta' rikuza nqalghet wara z-zmien ghall-

prezentata tan-nota skond l-artikolu 438 (2) tal-Kodici Kriminali, u wkoll wara l-qari ta' l-Att ta' l-Akkuza, qalet testwalment kif gej:-

> "Mill-banda l-ohra, meta r-raguni ghall-eccezzjoni, specjalment l-eccezzjoni tar-rikuza tal-gudikant, tinqala' wara z-zmien li fiha dik l-eccezzjoni normalment kellha tinghata, dik l-eccezzjoni ghandha tinghata fl-ewwel okkazzjoni li fiha l-akkuzat jidher quddiem il-Qorti. F'dan il-kaz, dan ma sarx".

L-appellant josserva li l-ewwel Onorabbli Qorti mbaghad hadet konjizzjoni tad-diversi seduti mizmuma wara li kien konkluz definittivament il-guri ta' Ian Farrugia, u qalet li ghal din ir-raguni biss, l-eccezzjoni sollevata minnu kellha tigi respinta.

L-appellant ma jaqbilx ma' din il-parti tad-decizjoni billi jsostni li l-principju enunzjat mill-ewwel Onorabbli Qorti huwa zbaljat. Huwa jissottometti li fil-kaz odjern, huwa lampanti l-fatt li r-raguni ghar-rikuza nqalghet wara l-qari ta' l-Att ta' l-Akkuza, u ghalhekk bl-ebda mod huwa ma seta' jissolleva l-eccezzjoni tieghu f'dak l-istadju. Dan del resto gie rikonoxxut ukoll mill-ewwel Onorabbli Qorti.

L-appellant jissottmetti wkoll li huwa minnu li s-subinciz (7) ta' l-artikolu 446 tal-Kodici Kriminali jidher li huwa inderogabbli meta jindika li l-Imhallef ma jistax jigi rikuzat wara l-qari ta' l-Att ta' l-Akkuza. Izda certament, fid-dawl ta' l-importanza prerompenti ta' l-irwol tal-gudikant f'guri kapitali, jehtieg li meta r-raguni ghall-eccezzjoni tar-rikuza tinqala' wara l-qari ta' l-Att ta' l-Akkuza, dina tigi permessa u trattata fuq il-mertu taghha. Dan ghaliex, il-gustizzja trid mhux biss issir, imma tidher li qed issir, u d-dritt ta' l-akkuzat li jinghata smiegh xieraq tant huwa fondamentali u essenzjali ghall-amminstrazzjoni tal-gustizzja, li jekk jinholoq xi dubbju f'mohh l-akkuzat illi huwa mhux sejjer jinghata smiegh xieraq, dan id-dubbju ghandu jigi indirizzat u trattat. Dan jinghad ukoll mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, li f'diversi kazijiet enfasizzat il-fatt li jekk f'mohh l-akkuzat jinqala' xi dubbju dwar kemm il-personalita' tal-gudikant ser tippermetti li huwa jinghata smiegh xieraq, tali dubbju, jekk isib imqar l-icken riskontru oggettiv, ghandu jiggustifika t-talba tar-rikuza. Allura, jissottometti l-appellant, multo magis, huwa indikat illi din l-eccezzjoni ghandha tigi trattata f'kull kaz illi tigi sollevata, anke jekk, prima facie, tkun tidher illi hija sollevata fuori termine. Del resto, dan ukoll jidher li gie rikonoxxut mill-ewwel Onorabbli Qorti fir-ragunament taghha.

L-appellant ikompli jissottometti li ghalhekk, una volta li wiehed jaccetta din in-necessita' illi l-eccezzjoni tar-rikuza tigi trattata fil-mertu, anke jekk, prima facie, tidher li giet sollevata fuori termine, wiehed ghandu jirrikorri ghad-disposizzjonjiet tal-proviso tas-subinciz (1) ta' l-artikolu 449 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi illi:- "izda l-Qorti tista' tawtorizza li jinghataw dawk l-eccezzjonijiet ghal raguni li tkun inqalghet wara z-zmien li fih in-nota imsemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 438 ghandha tigi ipprezentata fir-Registru tal-Qorti".

L-appellant jissottometti li l-applikabilita' ta' dan il-proviso ghall-eccezzjoni tar-rikuza hija wkoll rinforzata mill-fatt illi l-paragrafu (g) tas-subinciz (1) ta' l-artikolu 449 tal-Kodici Kriminali jirreferi ghal kull eccezzjoni preliminari ohra, u certament ghall-eccezzjoni tar-rikuza li hija wahda ta' natura preliminari.

Dejjem f'dan il-kuntest, l-appellant jissottometti li l-proviso fuq imsemmi, cioe' dak tas-subinciz (1) ta' l-artikolu 449 tal-Kodici Kriminali, ma jindika ebda kundizzjoni dwar meta fil-fatt l-eccezzjoni ghandha tigi sollevata, una volta li tavvera ruhha ir-raguni li tiggustifika l-istess talba. M'hemm l-ebda indikazzjoni fil-ligi, illi l-eccezzjoni trid tigi sollevata "fl-ewwel okkazzjoni li fiha l-akkuzat jidher quddiem il-Qorti", bhal ma rrikjediet l-ewwel Onorabbli Qorti.

L-appellant ghalhekk jikkonkludi fuq dan l-ewwel aggravju tieghu, li ma jara li hemm assolutament ebda raguni ghaliex l-eccezzjoni sollevata minnu kellha tigi michuda semplicement minhabba l-fatt li ma gietx sollevata fl-ewwel udjenza wara li gie deciz l-guri ta' Ian Farrugia.

Bit-tieni aggravju tieghu l-appellant jissottometti li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet ukoll referenza ghas-sub paragrafu (i) tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 734 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jiggustifika r-rikuza f'kaz li l-gudikant "ikun ta l-parir tieghu, ittratta quddiem il-Qorti, jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha, u ddecidiet illi:-

> "Kjarament hawnhekk il-legislatur qed jirreferi primarjament ghal meta l-gudikant, mhux fil-vesti tieghu ta' gudikant, izda bhala avukat tal-parti jew f'xi vesti ohra (pero' mhux ta' gudikant), ikun qal jew kiteb xi haga li tindika li hu jkun diga' fforma opinjoni dwar (f'dan il-kaz) il-htija o meno ta' l-akkuzat".

L-appellant jissottometti li din il-parti tad-decizjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti hija skorretta ghal kollox , bhal ma, del resto, jidher li intuwiet l-istess Qorti ta' Prim'Istanza bil-kelma "primarjament".

L-appellant jissottometti li s-sub-paragrafu imsemmi ma jaghmilx distinzjoni bejn il-gudikant fil-vesti ta' avukat jew f'xi vesti ohra u l-vesti tieghu ta' gudikant. U galadarba l-legislatur ma ddistingwiex, m'ghandux jiddistingwi l-gudikant. Sahansitra, l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti tmur ukoll kontra l-ispirtu tad-disposizzjoni de quo, illi hija kjarament intiza sabiex il-gustizzja mhux biss issir, izda tidher li qed issir, u sabiex ma jkun hemm l-ebda ombra ta' dubbju li l-akkuzat seta' ma nghatax smiegh xieraq.

L-appellant dana jghidu minghajr pregudizzju ghall-fatt li anke jekk l-ghan primarju tal-legislatur, wiehed kellu ghall-fini ta' l-argument, jikkoncedi li kien dak indikat mill-ewwel Onorabbli Qorti, dan ma jeskludix ghan jew skop sekondarju fis-sens illi l-istess disposizzjoni ghandha tapplika wkoll ghall-gudikant fil-vesti tieghu qua gudikant.

L-appellant ghalhekk jissottometti li l-ewwel Qorti ma setghetx tibbaza l-gudizzju taghha dwar l-eccezzjoni tar-rikuza, fuq il-fatt biss illi l-Imhallef sedenti qatt ma kellu konnessjoni mal-kaz de quo, hlief fil-vesti tieghu ta' gudikant.

Bit-tielet aggravju tieghu l-appellant, jaghmel riferenza ghal parti ohra mis-sentenza appellata li huwa jsib oggezzjoni ghaliha.

Il-parti mis-sentenza appellata hija din:-

"……………..il-kawza fil-kaz ta' Ian Farrugia mhix "l-istess kawza" odjerna. Ghalkemm xi fatti huma l-istess – l-allegat attentat ta' qtil ta' Richard Cachia Caruana – il-fatt kriminuz li qed jigi addebitat lill-akkuzat odjern, jikkonsisti fl-allegata komplicita' tieghu, fis-sens li allegatament kien il-mandant; dan il-fatt, pero', cioe' l-allegata komplicita tieghu, qatt ma kien "in issue" fil-kaz ta' Ian Farrugia, ghalkemm issemma, u aktar importanti minn hekk, l-Imhallef sedenti ma ppronunzjax ruhu direttament jew indirettament, dwar dan il-fatt…………….

………………is-semplici fatt li quddiem l-Imhallef sedenti ngiebu, fil-kaz ta' Ian Farrugia, certi fatti li kollox jindika li ser jergghu jingiebu fil-kaz odjern, ma jfissirx b'daqshekk li l-Imhallef esprima xi opinjoni dwar il-htija ta' l-akkuzat odjern, u anqas ma fisser li diga' fforma xi opinjoni dwar il-htija tieghu".

L-appellant jissottometti fir-rigward li l-argument ta' l-ewwel Onorabbli Qorti u, senjatament, id-distinzjoni taghha bejn ir-reat "u cioe' l-allegat attentat ta' qtil ta' Richard Cachia Caruana" u l-fatt kriminuz, huma legalistici, u kontro-producenti ghall-ghan ahhari li huwa jinghata smiegh xieraq u jhoss verament li saret gustizzja mieghu. Inoltre dik id-distinzjoni tinjora diversi fatturi mportanti, u cioe:-

a) L-ewwel nett ix-xhieda principali ndikata fil-prosekuzzjoni fiz-zewg gurijiet, u cioe' dak ta' Ian Farrugia u dak odjern, huma l-istess, u cioe' Joseph Fenech, l-Onorevoli Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami u Nicholas Jensen. Senjatament, kemm Joseph Fenech kif ukoll l-Onorevoli Prim'Ministru xehdu anke fil-guri ta' Ian Farrugia dwar l-allegat invo

b)

c) lviment ta' l-appellant odjern fir-reat addebitat lilu. L-appellant jissottometti li certament l-Imhallef sedenti fforma opinjoni u gudizzju dwar dak sottomess mill-imsemmija xhieda, anke dwar l-allegat involviment ta' l-appellant, ghaliex kif qalet ben tajjeb l-ewwel Onorabbli Qorti fid-decizjoni taghha, "Imhallef li jkun qed jippresjedi f'guri m'ghandux l-irwol ta' sfinge, izda huwa mistenni, skond il-kaz, li jaghmel mistoqsijiet u jiehu decizjonijiet". Wiehed ma jridx jinsa, jissottometti l-appellant, li l-import principali ta' dak li xehed kemm Joseph Fenech kif ukoll l-Onorevoli Prim Ministru, huwa proprju dwar l-allegat involviment ta' l-appellant fir-reat de quo u xejn aktar. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, wiehed certament m'ghandux ihalli s-sofizmi legali jostakolaw il-buon sens li ghandu jkun l-element bazilari li jiggwida l-gudizzju sabiex il-gustizzja tidher li qed issir u tinzamm is-sembjanza tas-smiegh xieraq fil-konfront ta' l-appellant.

b) Inoltre, l-appellant, filwaqt li jerga' jirrepeti dak sottomess minnu fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu tal-31 ta' Awissu, 2000, fis-sens li huwa ma kellux access ghall-atti fl-ismijiet "Ir-Republika ta' Malta vs. Ian Farrugia", jirrileva wkoll illi, lanqas kienet korretta l-ewwel Onorabbli Qorti meta qalet illi "l-Imhallef sedenti ma ppronunzjax ruhu direttament jew indirettament, dwar dana l-fatt "l-allegat involviment ta' l-esponenti". Anke jekk apertament, l-Imhallef sedenti ma ppronunzjax ruhu dwar l-allegat involviment ta' l-appellant, certament illi, inevitabilment ifforma gudizzju dwar dak sottomess. Dan huwa ovvju min-natura

umana nfisha u l-esperjenza umana tghallimna, una volta wiehed ikun ifforma gudizzju ntern dwar xi fattur, allura tali gudizzju necessarjment jiddetermina l-agir estern tieghu. L-appellant jissottometti li certament li bil-hoss pubbliku li holoq il-guri ta' Ian Farrugia, anke l-bniedem tat-triq ifforma opinjoni jew gudizzju. Multo magis, l-Imhallef sedenti fl-istess guri, dwar fatti u cirkostanzi li fuqhom espressament` taw ix-xhieda taghhom, diversi xhieda tal-prosekuzzjoni. Fatti u cirkostanzi li jirrigwardaw direttament u specifikatament lill-appellant. Fatti u cirkostanzi li certament illi huma "in issue" fil-proceduri odjerni.

Bir-raba' aggravju tieghu l-appellant jissottometti li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet taghha l-argument sottomess mill-prosekuzzjoni fis-sens illi "bhala regola l-Imhallef li jippresjedi l-guri jkun diga' ha konjizzjoni tal-fatti proprju ghax ikun qara l-attijiet tal-kumpilazzjoni" u allura kkonkludiet li lanqas f'dan il-kaz, wiehed ma ghandu jsib ebda oggezzjoni minhabba l-fatt li x-xhieda li ser titressaq fil-proceduri odjerni diga' instemghet mill-Imhallef sedenti ghal darba, darbtejn fil-gurijiet ta' Ian Farrugia. Izda ghal darb'ohra, jissottometti l-appellant, dan imur kontra kemm l-esperjenza umana, u anke t-taghlim u l-principji legali, jissottometti l-appellant. Skond hu, imur kontra l-esperjenza umana ghaliex huwa intuwittiv li hemm differenza bazilari bejn il-qari ta' xhieda u s-smiegh taghhom *viva voce*. Intuwizzjoni u esperjenza umana li huma mhaddna min-normi legali, senjatament l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi espressamenti lli l-gudizzju dwar il-kredibilita' tax-xhieda ghandu jkun gwidat essenzjalment mill-"imgieba, kondotta u karattru tax-xhud". Minhabba l-istess raguni, il-Qrati taghna dejjem ghallmu illi, f'kaz ta' appell, il-Qorti tistrieh dejjem fuq il-gudizzju maghmul mill-Qorti ta' Prim'Istanza dwar il-kredibilta' o meno tax-xhieda, stante illi tkun dika l-ewwel Qorti illi semghet lix-xhud *viva voce* u evalwat il-komportament tieghu, u ghalhekk tkun hija fl-ahjar pozizzjoni li tiddeciedi dwar il-piz li ghandu jinghata lil tali testimonjanza.

Ghalhekk il-fatt illi l-Imhallef sedenti diga' sema', mill-pedana tax-xhieda, diversi xhieda principali fil-proceduri odjerni, fil-kors tal-gurijiet ta' Ian Farrugia, liema xhieda ghamlu riferenza specifici u diretti ghall-allegat involviment ta' l-esponenti, bil-fors johloq dubbju ragonevoli illi l-istess gudikant diga' fforma opinjoni dwar il-kredibilita' o meno ta' l-istess xhieda, u ghalhekk ta l-piz relattiv ghax-xhieda minnhom moghtija – anke dwar dak illi allegaw fil-konfront ta' l-esponenti. U dan b'mod divers milli jkun ghamel wara illi semplicement jkun qara l-atti tal-kumpilazzjoni fil-preparazzjoni qabel il-guri.

Ghalhekk, jissottometti l-appellant, lanqas dan ir-ragunar, ma jregi.

Fl-ahhar nett u cioe' bli-hames aggravju tieghu l-appellant jaqbad ma' fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet riferenza ghal dawk illi, fil-procediment Taljan, jissejjhu *"gravi ragioni di convenienza"* u qalet illi f'dan il-kaz ma tirriskontra ebda tali raguni ta' konvenjenza li tiggustifika r-rikuza ta' l-Imhallef. Il-bran citat mill-istess Qorti jindika illi sahansitra ragunijiet ta' propensita' personali jew ideologika huma bizzejjed sabiex jiggustifikaw it-talba ghar-rikuza. Issa, f'dan il-kaz, l-esponenti fl-ebda hin ma ddubita mill-kwalitajiet ta' l-Onorevoli Imhallef Dottor Vincent DeGaetano u zgur li dak citat mill-stess Qorti bl-ebda mod ma japplika ghall-persuna ta' l-Imhallef sedenti, b'danakollu jissottometti illi l-involviment tieghu fil-gurijiet ta' Ian Farrugia, kaz tant qrib ghal dak odjern u li diga' kien jaghmel diversi riferenzi ghall-istess esponenti, jikkostitwixxi raguni valida ghal rikuza ta' l-istess Gudikant. Jekk

dan jikkostitwix “raguni ta’ konvenjenza” ghall-finijiet tal-Ligi Taljana, huwa, bl-akbar rispett, irrelevanti.

L-esponenti jissottometti biss illi, certament, il-fattispecie ta’ dan il-kaz huma tali illi jiggustifikaw ir-rikuza, anke abbazi ta’ dak illi tghallem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:-

> *‘Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge’s personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect, even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all, as far as criminal proceedings* are concerned, in the accused” [Hauschildt vs. Denmark (29/04/1989)]

Jinghad hawnhekk bl-aktar mod car, illi l-esponenti bl-ebda mod ma jiddubita mill-integrita’ ta’ l-Onorevoli Imhallef Dottor Vincent DeGaetano, imma biss mill-possiblita’ umana ili kwalunkwe gudikant ikun imparzjali u non-pregudikat mis-smiegh antecedenti tal-gurijiet ta’ Ian Farrugia, fic-cirkostanzi kollha ta’ konnessivita’ bejn il-proceduri fil-konfront ta’ l-istess Farrugia u dawk fil-konfront ta’ l-esponenti, kif ampjament deskritti aktar ‘il fuq.

Issa hu ovvju minn dak kollu li gie riprodott mir-rikors ta’ l-appell ta’ l-akkuzat illi dak li hu qieghed jippretendi f’din l-istanza hija li, fl-ewwel lok jigi dikjarat mhux biss illi ghandu dritt jissolleva l-eccezzjoni tar-rikuza ta’ l-Imhallef anke wara l-qari ta’ l-Att ta’ l-Akkuza kuntrarjament ghal dak li jipprovdi l-Artiklu 446 (7) tal-Kodici Kriminali, imma li dab seta; jaghmlu meta jidhirlu opportun u mhux necessarjament ma’ l-ewwel opportunita’. Huwa jikkontesta li, fin-nuqqas ta’ dan, l-istess eccezzjoni ma setghetx tigi akkolta. Imbaghad, jippretendi dikjarazzjoni minn din il-Qorti li diversi principji legali kif pronunzjati mill-ewwel Onorabbli Qorti huma erroneji, u fl-ahhar nett jippretendi li din il-Qorti tirrevedi d-decizjoni ta’ l-Imhallef ta’ Prim’Istanza, inkwantu dan iddecieda li ma jaccettax it-talba ghar-rikuza jew ghall-astensjoni tieghu. Huwa evidenti wkoll illi l-appellant lanqas biss qieghed jimmetti in dubbju l-“dritt” tieghu li jinterponi appell minn decizjoni ta’ Imhallef li ma jilqax talba ghar-rikuza, anke jekk din hi r-regola almenu kif koncepita u stabbilita fil-Kap 12.

Verament din il-Qorti hasbet fit-tul kemm fuq kif hu koncepit u redatt ir-rikors ta’ l-appell, kif anke svolgew u gew prezentati l-hsibijiet u argumentazzjonijiet legali fi prim’istanza u kif ittrattathom u ddecidiethom l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata.

Jidher mill-ewwel ovvju li l-ewwel Onorabbli Qorti b’sens evidenti ta’ responsabbilita’, hassitha preokkupata, u mhux ftit, bit-talba tar-rikuza ta’ l-akkuzat. Per konsegwenza, fil-fehma ta’ din il-Qorti, dahlet f’konsiderazzjonijiet forsi aktar fil-fond milli kien necessarju, kif anke ikkonsidrat aspetti ohra li, fil-fehma ta’ din il-Qorti, u ma kienx hemm bzonn li tinhela’ fuqhom. Kaz partikolari huwa dak fejn fl-ahhar parti tas-sentenza appellata irreferiet ghall-posizzjoni taljana fir-rigward ta’ ‘l hekk imsejjha astensjoni “per altre gravi ragioni di convenienza”, illi fis-sistema taghna ma japplikawx, u lanqas ghandhom jinteressaw lill-gudikant. Dana qed jinghad mhux

bhala kritika imma biex jigi premess u hu evidenti li l-ewwel Qorti anke harget minn triqtha biex tkun zgura, anki fina nfisha, li hadet kollox in konsiderazzjoni.

Kif inghad, din il-Qorti hasbet mhux ftit fuq dak illi hu fondamentali f'dan l-appell u fl-ewwel lok waslet ghal certi konkluzzjonijiet li sejra ssemmihom mill-ewwel.

Fil-fehma taghha, aktar milli huwa importanti f'dan l-appell partikolari jekk jistax, jew ghandux jigi njorat kompletament, l-artikolu msemmi mill-Kodici Kriminali, cioe' l-artikolu 446 (7) li jipprojbixxi li jkun hemm rikuza jew astensjoni wara l-qari ta' l-Att ta' l-Akkuza, u jekk meta jinqalghu cirkostanzi wara l-qari ta' l-Att ta' l-Akkuza li jkunu tali li solitament iwasslu ghar-rikuza jew ghall-astenzjoni tieghu, wiehed ragonevolment jistenna li l-istess Imhallef li jkun qed jippresjedi l-Qorti ma jkomplix hekk jippresjediha, u jekk f'cirkostanza bhal din hemm xi dispozizzjoni ohra fil-Kodici li taghmilha possibbli li jsir dan, u jekk f'kaz bhal dan u f'kaz li tinghata eccezzjoni bhal dik odjerna, din ghandhiex tinghata fl-ewwel opportunita' jew le, u jekk f'dan il-kaz inghatatx tardivament jew le, hu hafna aktar essenzjali u fondamentali li jigi deciz jekk oggettivament hemmx raguni valida biex l-Onorevoli Imhallef Dr. Vincent DeGaetano li lilu gie assenjat il-kaz prezenti, ghandux jastjeni ruhu, indipendentement jekk din hiex strettament eccezzjoni ta' rikuza jew jekk hijiex talba specjali u sui generis biex huwa ma jibqax jiehu konjizzjoni tal-kaz. Dan s'intendi fid-dawl ta' dak illi tiddisponi l-ligi taghna, kif ukoll ta' dak li minn zmien ghal zmien gie deciz mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li ghaliha jaghmel riferenza ampja l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu, u li din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tirreferi ghaliha fid-dettal u bi kwotazzjoni.

Dana qieghed jinghad ghaliex jekk ma jirrizultawx, cioe' ma hemmx ragunijiet validi, biex l-Onorevoli Imhallef DeGaetano ma jkomplix jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz fil-Qorti Kriminali, ikun ezercizzju ghal kkollox futili ghal din il-Qorti li toqghod tidhol fil-konsiderazzjonijiet legali kollha involuti jew li parti jew ohra tippretendi li huma nvoluti, ben sapendo illi tkun trid tippronunzja ruhha fuq principji li mbaghad ma jsibux applikazzjoni fil-kaz prezenti. Bl-invers, jekk lil din il-Qorti jirrizultalha li jezistu ragunijiet sufficjenti biex, fil-fehma taghha, l-Onorevoli Imhallef DeGaetano ma jkomplix jippresjedi f'dan il-kaz bhala l-Imhallef tal-Qorti Kriminali, allura din il-Qorti tahseb li dan aspett ghandu mbaghad jippermeja u jikkondizzjona l-kumplament tas-sentenza billi llum ma jistax ikun hemm dubbju illi fl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti, kif ukoll Qrati ohra maltin, ghandhom izommu quddiem ghajnejhom u jaghtu kaz ta' decizjonijiet rilevanti li jkunu hargu minn Strasbourg kif anki mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali. Fi kliem iehor din il-Qorti qeghdha tghid li minkejja l-mod kif gie koncepit u prezentat ir-rikors ta' l-appell odjern, ikun kontro-indikat li din il-Qorti ssegwi l-istess logika tieghu anke jekk dik l-istess logika tidher li segwiet il-fil ta' ragonamenti legali u fattwali zvolti mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellatajekk ma jirrizultawx ragunijiet ghar-rikuza jew astensjoni. Ma jfissirx dan li din il-Qorti qed tikkritika l-mod kif l-ewwel Qorti zvolgiet u ddecidiet id-diversi punti li kellha quddiemha u kif jidhru fis-sentenza appellata. Hu ovvju li quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti certi aspetti ta' natura legali kienu aktar importanti u opportuni li jigu decizi milli huma f'dan l-istadju. Dana aktar u aktar minhabba li d-decizjoni kienet qed tinghata mill-istess Imhallef li kien qed jigi mitlub jastjeni.

Ukoll din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tidhol fil-kwistjonijiet legali xejn cari dwar jekk f'kaz bhal dan hux permissibbli appell bhal ma fil-fatt sar. Dan anke stante d-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni kif verbalizzata quddiem din il-Qorti li din m'ghandhiex, fil-fehma taghha, tkun konsiderazzjoni li din il-Qorti ghandha tidhol fiha. Huwa evidenti li d-disposizzjonijiet rilevanti mill-Kodici Kriminali kienu jezistu qabel ma twieldet din il-Qorti u qabel ma gew introdotti fil-Kodici Kriminali d-disposizzjonijiet li jirregolaw l-appelli quddiem din il-Qorti. Dan forsi jikkontribwuxxi ghal mizura qawwija ta' dubbju li ghandha tmur favur il-legalita' ta' dan l-appell.

Pero', tenfasizza din il-Qorti, kollox jiddependi minn jekk oggettivament hemmx valur fis-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-Onorevoli Imhallef DeGaetano jmissu jaccetta t-talba ghar-rikuza tieghu jew jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz. Fin-nuqqas ta' dan, kif inghad, il-konsiderazzjonjiet l-ohra legali li huma hafna u li huma komplikati u li fuqhom hemm hafna xi tghid, favur u kontra, jisfaw kompletament irrilevanti ghall-fini ta' dan l-appell, ghaliex ikun inutli li jigu decizi huma biex imbaghad jigi deciz illi m'huwiex il-kaz li l-Onorevoli Imhallef li qed jippresjedi f'dan il-kaz, jigi rikuzat jew jastjeni ruhu.

Stabbilit dan, ghalhekk, din il-Qorti sejra immedjatament tezamina, abbazi ta' dak li gie sottomess mill-appellanti jekk hemmx raguni, zghira kemm hi zghira, imma ta' sustanza u valida li, abbazi taghha, tinghata direzzjoni biex l-Onorevoli Imhallef Vincent DeGaetano ma jkomplix jippresjedi f'dan il-kaz.

Inoltre, din il-Qorti trid taghmilha cara wkoll li lanqas ma qeghdha tidhol fil-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 734 (1) (d) (i) tal-Kap 12 japplikax kif mifhum u applikat mill-ewwel Qorti jew jekk hux kif qed jissottometti l-appellant. Fi kliem iehor din il-Qorti qeghdha bl-istess logika ta' hsieb, issostni li se mai ghandha tidhol f'din il-kwistjoni jekk hi jidhrilha li s-sottomissjonjiet l-ohra maghmula mill-appellant oggettivament ghandhom iwasslu ghar-rikuza jew astensjoni ta' l-Imhallef DeGaetano. Altrimenti f'dak li huwa zvolgiment tal-konsiderazzjonijiet taghha ghall-fini ta' din is-sentenza, qed jittiehed bhallikieku – anke jekk m'hux qieghed jigi deciz hekk – li s-sottomissjoni ta' l-appellant rigwardanti l-paragrafu msemmi mill-Artikolu 734 tal-Kap 12 hija korretta.

L-istess jinghad ghall-allegazzjoni ta' l-appellant li l-argumentazzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti f'dik il hi applikazzjoni tal-paragrafu (ii) ta' l-Artikolu 734 (1) (d) tal-Kap 12 issarrfitx f'sofizmi legalistici li minhabba fihom gie sagrifikat dak li hu essenzjalment importanti, cioe' il-gustizzja. Din il-Qorti nfatti sejra tmur direttament ghall-qalba, ghas-sostanza ta' l-ilment ta' l-appellant kif dirett kontra il-kontinwazzjoni tal-prezenza f'din il-kawza ta' l-Onorevoli Imhallef DeGaetano u timxi minn hemm.

Ikkonsidrat:

L-appellant jissottometti fl-ewwel lok li d-distinzjoni li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti bejn il-kaz ta' Ian Farrugia u l-kaz prezenti, kienet essenzjalment sfortunata peress illi injorat diversi fatturi mportanti li fil-fehma tieghu huma l-bazi ta' l-argumentazzjoni kollha in sostenn tat-talba ghar-rikuza.

Huwa jissottometti, kif jidher minn dak li diga' gie riprodott mir-rikors ta' l-appell tieghu, illi x-xhieda principali ndikati mill-prosekuzzjoni fiz-zewg kazijiet huma l-istess

u cioe' Joseph Fenech, l-Onorevoli Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami u Nicholas Jensen. Huwa jispecifika li kemm Joseph Fenech, kif ukoll l-Onorevoli Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami xehdu fit-tul fil-guri ta' Ian Farrugia anke dwar l-allegat involviment ta' l-appellant odjern fir-reat addebitat lilu.

Il-Qorti minn ezami ta' l-atti processwali li kellha ghad-disposizzjoni taghha ma jidhrilhiex li dan il-punt essenzjalment huwa kontestat mill-prosekuzzjoni. Abbazi tieghu, pero', l-appellant jargumenta illi l-Onorevoli Imhallef Dr. Vincent DeGaetano li ppresjeda l-Onorabbli Qorti Kriminali fil-guri "Ir-Republika vs. Ian Farrugia" "<u>certament</u>, …………….. ifforma opinjoni u gudizzju dwar dak sottomess mill-imsemmija xhieda anke dwar l-allegat involviment ta' l-esponenti, ghaliex, kif qalet ben tajjeb l-ewwel Onorabbli Qorti fid-decizjoni taghha, "Imhallef li jkun qed jippresjedi guri m'ghandux l-irwol tas-sfinge, izda huwa mistenni, skond il-kaz, li jaghmel mistoqsijiet u jiehu decizjonijiet".

Dina l-Qorti sincerament thossha sorpriza bil-mod kif l-ewwel il-parti ccitata mis-sentenza appellata qed tinghata interpretazzjoni iktar wiesa' u barra mill-kuntest ta' kif inhi prospettata fis-sentenza appellata, u t-tieni ghaliex tipprova kemm tipprova, ma tistax tifhem il-logika legali wara din is-sottomissjoni ta' l-appellant. Infatti, l-appellanti qieghed jinsisti bhala punt fondamentali ghall-ezitu ta' dan l-appell illi l-Imhallef li jkun qieghed jippresjedi l-Qorti Kriminali fil-kors ta' guri jifforma opinjoni jew gudizzju dwar dak li jkun qieghed jigi sottomess mix-xhieda. Din il-Qorti taghmilha cara: fis-sistema tal-guri taghna x'jahseb l-Onorevoli Imhallef li jkun qed jippresjedi l-guri fuq dak li jkunu qeghdin jiddeponu d-diversi xhieda ftit li xejn ghandu rilevanza, jew importanza. Dana ghaliex mhux biss l-istess apprezzament dwar l-attendibilita' ta' dak li jkun qed jigi depost mid-diversi xhieda huwa riservat mil-ligi taghna esklusivament ghal gurija popolari u mhux ghall-imhallef togat, izda dan anzi huwa tassattivament ipprojbit mil-ligi, kif ukoll mill-gurisprudenza, illi b'xi mod, direttament jew indirettament, jipprova jinfluwenza lill-gurati, fuq fatti u fuq il-veracita' u l-attendibilita' tax-xhieda. Pero', aktar minn dan, dak li serjament jiddisturba lil din il-Qorti huwa l-mod kif bl-iktar mod generiku, minghajr ma almenu hemm indikazzjoni wahda zghira kemm hi zghira li tista' b'xi mod tikkomprometti l-parzjalita' jew l-indipendenza tal-hsieb ta' l-Onorevoli Mhallef DeGaetano, jigi asserit gratwitament illi huwa, fil-kors tal-guri kontra Ian Farrugia, <u>certament</u> ifforma opinjoni u gudizzju dwar dak li kienu xehdu Joseph Fenech u l-Onorevoli Prim Ministru Eddie Fenech Adami partikolarment u li dan <u>bil-fors</u> joskuralu mohhu b'mod li ma jistax ikun imparzjali f'dan il-kaz odjern ghax diga' jaf x'ser jixhdu l-imsemmija xhieda!.

Il-kaz ovvjament kien ikun differenti kienu fil-kaz ta' Farrugia kien hemm xi dikjarazzjoni, jew xi decizjoni ta' l-Imhallef DeGaetano li b'xi mod setghat tissarraf fi pregudizzju ghall-fini ta' l-kaz odjern.

Mhux sewwa li jingiebu argumenti bhal dan minn min suppost jaf ben tajjeb x'inhu l-irwol ta' l-Imhallef li jippresjedi l-guri specjalment fit-tradizzjoni tal-Qrati taghna fejn s'issa anqas ombra ma qatt kien hemm illi xi wiehed mill-Imhallfin anke jghaddilu minn mohhu li jinizja process li fih huwa diga' ikollu ffurmata f'mohhu konvinzjoni dwar il-veracita' o meno, dwar l-attendibilta' o meno ta' xhud li jkun ghad irid jixhed imma li jkun gja' xehed fi process iehor fuq fatti li huma piu' o meno l-istess jew simili hafna. Dana qed jinghad ghax filwaqt li din il-Qorti taghmilha cara li hija aktar minn lesta li taghti l-ikbar attenzjoni ghall-ilmenti ta' dak li jkun, specjalment jekk ikun

akkuzat, diretti lejn kwistjonijiet li jinvolvu l-gustizzja fil-process, m'hijiex pero' lesta li tindiriza l-attenzjoni taghha indebitament fejn flok provi hemm biss suspetti u suspetti bla bazi bhal ma hi din li ghadha kemm issemmiet. Dana apparti, kif gia nghad, illi hawn si tratta ta' processi kriminali fejn l-opinjoni tal-imhallef dwar dak li jkun qed jiddeponi xhud ma torbotx u jista' jkollha rilevanza biss jekk huwa, minhabba dik il-konvinjoni li jifforma, jipprova jinfluwenza l-hsieb u d-diskrezzjoni tal-gurati li ultimament huma msejha mil-ligi biex jiddeciedu fuq dak il-fatti. Ghall-bqija, in makanza ta' almenu prova wahda, imqar zghira kemm jista' jkun, imma kategorika u specifika, mhux gust, mhux sewwa li jigu avanzati pretensjonijiet bhal ma ssemmew.

Sfortunatament l-appellant fir-rikors tieghu jirreferi ghall-parti fejn l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata qalet "L-imhallef sedenti ma ppronunzjax ruhu, direttament jew indirettament, dwar dana l-fatt (l-allegat involviment tal-esponenti)" u deherlu li kien liberu li jissottometti fir-rigward illi anki jekk apertament, l-Onorevoli Mhallef DeGaetano ma pronunzjax ruhu dwar l-allegat involviment tieghu (ta' l-appellant), certament illi, "inevitabbilment ifforma gudizzju dwar dak sottomess. Dan huwa ovvju min-natura umana nfisha".

Din il-Qorti tirrepeti li hija sfortuna illi jsiru sottomissjonijiet bhal din bazati unikament fuq konvinzjoni (pero' bla bazi) ta' dak li jkun, f'dan il-kaz l-appellant, illi jghid x'jghid l-Imhallef, zgur, u ma jistax ikun hemm dubbju, illi bilfors, waqt illi kienu qeghdin jixhdu Joseph Fenech u l-Onorevoli Prim Ministru Eddie Fenech Adami fil-kaz kontra Ian Farrugia, huwa fforma gudizzju dwar dak illi kienu qeghdin jiddeponu u mhux talli hekk, talli fforma gudizzju tali illi bilfors issa ser ikun pregudizzjevoli ghalih fil-kaz odjern kontra tieghu. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellanti jippretendi li din il-Qorti tiehu bis-serjeta' sottomissjoni bhal dik fejn jghid illi certament il-hoss pubbliku illi holoq il-guri ta' Ian Farrugia, anki l-bniedem tat-triq ifforma opinjoni jew gudizzju, u allura multo magis, l-Onorevoli Mhallef DeGaetano li ppresjeda dak il-guri, bilfors illi llum huwa kompromess f'mohhu, dwar il-fatti u c-cirkostanzi li fuqhom espressament taw it-testimonjanza taghhom id-diversi xhieda tal-prosekuzzjoni f'dak il-kaz. Din il-Qorti ticcensura enfatikament tali atteggjament ghaliex mhux biss qed tigi injorata bl-aktar mod sfortunat il-funzjoni ta' l-Imhallef li jkun dejjem indipendenti u imparzjali, imma qed jigi mpoggi fl-istess qoffa tac-cittadini l-ohra li generalment ghandhom interess jiddeciedi huma, u mhux il-Qorti jew l-gurati, min qed jghid il-verita' u min hu hati u min mhux. Anzi s-sottomissjoni ta' l-appellant hi fis-sens li jekk il-pubbliku in generali hu debboli f'dan, l-Imhallef hu aktar debboli. Din il-Qorti tirrepeti li ssib oggezzjoni qawwija ghal dan kollu u tirrepeti li allahares id-decizjonijiet fuq talbiet ghar-rikuza jew ghal astenzjoni ta' Imhallef fi process kriminali kellhom jigu bbazati jew decizi fuq konsiderazzjonijiet jew sottomissjonijiet bhal dawn li huma bbazati unikament fuq suppozizzjonijiet li min jifhem sewwa fis-sistema procedurali f'guri f'Malta u min hadem f'dik is-sistema bhala gudikant jaf illi assolutament m'ghandhom ebda valur u ma jmissux jissottometihom.

Din il-Qorti ser tinjora l-parti ta' l-appell kriminali fejn hemm ir-riferenza ghal paraguni li sar meta l-Imhallef ikun qara diga' l-atti tal-kumpilazzjoni qabel ma jkun beda' jippresjeda l-guri. Dana ghax jidhrilha li dan huwa argument illi bazikament lanqas imissu issemma' fil-kors tat-trattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti 'il ghaliex anki bhala paragun m'ghandu ebda rilevanza. Fi kliem iehor din il-Qorti anki jekk tara d-differenza bejn dik is-sottomissjoni u dak li qieghed jghid verament l-appellant, cioe'

li Imhallef ikun sema' viva voce x-xhieda u mhux biss qara l-atti tal-kumpilazzjoni, m'ghandu assolutament x'jaqsam xejn ghax jibqa' l-principju illi talbiet u decizjonijiet fuq rikuza jew astenzjoni ma jistghu qatt ikunu bbazati fuq argumenti u sottomissjonijiet simili.

Ciononostanti, pero' l-appellant jibqa' jissottometti illi l-fatt illi l-Imhallef sedenti diga' sema' mill-pedana tax-xhieda, diversi xhieda fil-kors tal-gurijiet kontra Ian Farrugia, liema xhieda ghamlu riferenzi specifici u diretti ghall-allegat involviment tieghu (ta' l-appellant), liema xhieda ser jixhdu f'dan il-kaz ukoll, bilfors johrog dubbju ragjonevoli illi l-istess gudikant diga' fforma opinjoni dwar il-kredibilita' o meno tal-istess xhieda, u ghalhekk ta l-piz relattiv ghax-xhieda minnhom moghtija – anki dwar dak illi allegaw fil-konfront tieghu – cioe' issa qed jigi suggerit pregudizzju favur ix-xhieda msemmija u ghalhekk m'hemmx possibilita' li hu jkollu gustizzja!

Ghal darba ohra din il-Qorti thossha urtata mill-fatt illi bejn il-konkluzjoni ta' l-appellant u l-premessa m'hemmx katina logika u sillogistika anqas minimament biex wiehed jista' jghid illi hemm dan id-"dubbju ragjonevoli" li qed jippretendi l-appellant. L-appellant irid jifhem illi ma jistax jippretendi illi jiehu dak li qed jitlob minghajr ma almenu jaghti ndikazzjoni wahda illi l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri kontra Ian Farrugia huwa pregudikat fuq dak illi xehdu t-tlett xhieda minnu msemmija u forsi anki ohrajn f'dak il-guri u li se jibqa' hekk pregudikat fil-guri kontra tieghu li fih ghad iridu jixhdu l-istess xhieda, jekk jixhdu! Jigi ripetut bl-iktar mod enfatiku li huwa doveruz ghal din il-Qorti li ma takkoljix talbiet bhal dawn bazati fuq suppozizzjonijiet u asserzjonijiet gratuwiti li b'mod inspjegabbli jigu nvece prezentati bhala certezza minghajr l-icken ombra ta' prova.

Bhala riepilogu, ghalhekk, din il-Qorti qeghda taghmilha cara illi l-konkluzjoni li sejra tirragungi hija bbazata fuq il-konsiderazzjonijiet segwenti.

(1) Jidher car li l-pretensjoni ta' l-appellant li l-Onorevoli Mhallef Dr. Vincent DeGaetano jaccetta t-talba ghar-rikuza – jekk hiex eccezzjoni jew le u jekk hix tempestiva jew le hu kompletament irrilevanti f'dan l-istadju – hija bbazata unikament fuq il-konvinzjoni tieghu (ta' l-appellant) li minhabba illi l-istess Onorevoli Mhallef ippresjeda l-guri jew gurijiet kontra Ian Farrugia fejn xehdu Joseph Fenech, l-Onorevoli Prim Ministru Eddie Fenech Adami, u Nicholas Jensen fuq cirkostanzi li huma presso che' identici jew konnessi mal-kaz tieghu, allura bilfors ifforma f'mohhu opinjoni u gudizzju dwar il-veracita' ta' dak ddeponew l-istess xhieda f'dak il-guri u ghalhekk tal-attendibilita' taghhom.

(2) Illi fil-kuntest tan-natura tal-process kriminali quddiem il-Qorti Kriminali fejn il-gudizzju dwar il-fatti huwa rimess esklusivament f'idejn l-gurati u huwa tassativament ipprojbit lill-Imhallef togat li jkun qed jippresjedi li direttament jew indirettament, jipprova b'xi mod, jinfluwenza lill-gurati dwar l-attendibilita' ta' xi xhud jew il-veracita' ta' xi deposizzjoni jew ta' xi verzjoni moghtija minn fuq il-pedana tax-xhud, <u>ikun irregolari hafna</u> ghal din il-Qorti illi tipprova tidhol f'mohh l-Imhallef li jkun ippresjeda dak il-guri meta dan bl-ebda mod ma jkun esterna l-hsieb tieghu u meta u fi kwalunkwe kaz x'jahseb l-Imhallef ma jista' qatt ikun determinanti fil-process kriminali nostran. L-appellant m'ghandux dritt jemmen dak li qed jissottometti minghajr ma almenu jibda biex jissostanza dak li qed jippretendi b'imqar prova wahda, zghira kemm hi zghira. Jigifieri dak li l-imhallef min hin ghall-iehor ikun

qieghed jahseb u jifhem fil-kors ta' deposizzjoni partikolari waqt guri ma jista' qatt fis-sistema taghna, in mankanza ta' provi li juru li l-istess imhallef ikun b'xi mod esterna dawn il-hsibijiet tieghu b'mod pregudizzjevoli, jew komprometteni, iservu bhala bazi ghall-argument illi l-istess Imhallef huwa pregudikat dwar dak illi l-istess xhieda jkunu diga' xehdu u ghad iridu jixhdu.

(3) Illi fl-assjem tieghu, din il-Qorti tibqa ma tistax tifhem kif tista' taccetta li in mankanza ta' almenu ndikazzjoni wahda li l-Onorevoli mhallef b'xi mod esprima ruhu dwar il-fatti tal-kaz kontra Ian Farrugia jista' jinghad li ciononostante ma jistax ikun hlief, cioe' hemm ic-certezza assoluta, li l-istess Imhallef Vincent DeGaetano ifforma opinjoni u gudizzju fuq l-istess xhieda li mhux ser jiccaqlaq minnhom liema gudizzju, bla provi ta' xejn, huwa anki pregudizzjevoli ghall-appellant. Iktar u iktar ma tifhimx kif l-appellant qed jippretendi li din il-Qorti tabbraccja t-tezi teighu li ghax "certament" Tizju u Sempronju ffromaw f'mohhhom pregudizzju meta segwew id-deposizzjoni tax-xhieda msemmija fil-guri ta' Farrugia, multo magis hu pregudikat f'mohhu l-Onorevoli Imhallef DeGaetano.

(4) Fi kliem iehor qed jigi deciz illi din il-Qorti ma tistax taccetta bhala sufficjenti u validu l-argument illi ghax l-Onorevoli Mhallef Dr. Vincent DeGaetano ppresjeda fil-guri kontra Ian Farrugia u ghaliex il-fatti f'dak il-guri huma simili (ghax mhumiex identici) ghal fatti f'dan il-kaz u ghaliex hemm xi xhieda li xehdu f'dak il-guri li ser jergghu jixhdu f'dan il-guri, allura necessarjament ghandu jkun hemm ir-rikuza jew l-astenzjoni tal-imsemmi Imhallef. Il-katina logika f'din is-sottomissjoni hija kompletament mankanti u l-konkluzjoni ma tistax tkun hlief dik li ser tasal ghaliha din il-Qorti, cioe' c-cahda tal-appell, in mankanza, kif inghad, ta' almenu ndikazzjoni wahda li tpoggi in dubbju, mhux l-integrita' ta' l-Onorevoli Mhallef DeGaetano ghax din ma gietx attakkata, imma l-kapacita' oggettiva tieghu bhala Imhallef li jippresjedi dan il-guri, indikazzjoni ta' prova li b'xi mod l-istess Onorevoli Imhallef DeGaetano fil-kors tal-guri kontra Ian Farrugia mhux ghamel l-ezercizzju mentali li kull Imhallef hu necessarju li jaghmel f'kull process kriminali waqt li qed jixhed xi xhud, imma zviluppa forma mentis tali li llum ma jistax hlief jigi konsidrat bhala persuna pregudikata fil-konfront ta' l-appellant.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, huwa ovvju li mhux necessarju l-konsiderazzjonijiet u aggravji l-ohra legali li hemm fir-rikors tal-appell din il-Qorti tippronunzja ruhha fuqhom. Dana ghar-ragunijet li diga' ssemmew.

Dan kollu premess, u ghall-motivi msemmija, l-appell qed jigi rigettat u d-decizjoni appellata qed tigi konfermata. L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

Dep/Reg
mm